# IT-TIENI PARTI

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

7 ta' Jannar, 1944.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Giuseppina Cremona *versus* Caterina Calleja et.**

**Servizi — Gratuwità.**

*F'materja ta' servizi l-preżunzjoni hija li min jirrendihom jistenna xi kumpens tagħhom.*

*Imma f'każijiet ta' rapporti stretti ta' demm jew ta' ħbiberija kbira, jew ta' intimità ta' affezzjoni, il-preżunzjoni hija illi s-servizi ġew prestati gratuwitament, bi spiritu ta' affezzjoni u b'intenzjoni disinteressata, meta ma jikkaġunawx telf materjali, imma biss inkommodu jew sakrifiċċju personali, għalkemm gravi jista' jkun dan l-inkommodu jew dan is-sagrifiċċju.*

*Però din il-preżunzjoni ta' gratuwità f'dawn il-każijiet għandha tiġi eskluża jekk iċ-ċirkustanzi juru li ma għandhiex tibqa' sseħħ.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni nru. 255 ta' l-4 ta' Awissu 1943, li biha l-attriċi, wara li qalet li hija pprestat kuri u servizi lil Giuseppe Felice, li baqa' sal-mewt juri li ried jirrimuneraha, talbet illi l-konvenuta nomine tiġi kundannata tħallas lilha kumpens għal dak ix-xogħol li għamlet, likwidabili anki per mezz ta' periti li jkunu nominati. Bl-imgħax legali min-notifika taċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-9 ta' April 1943;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi mill-provi jirriżulta li l-attriċi kienet l-għarusa ta' l-imsemmi Giuseppe Felice għal sitt snin qabel ma miet minħabba marda tas-sider. Għall-ewwel dana Felice kien impjegat ma' l-arġentier Azzopardi: wara daħal it-Tarzna, fejn dam impjegat għal xi sena u nofs; imbagħad spiċċa biex rama ħanut għal rasu. Fiż-żmien li kien jaħdem it-Tarzna siefer u dam Alessandria għal żmien sena: u meta ġie lura f'April ta' l-1942 bdiet tiżviluppalu l-marda tant li wara ftit żmien li

dam joqgħod għal rasu irrikovera ruħu għand il-familja ta' l-attriċi, fejn dam tliet xhur sakemm ġie meħud il-Connaught Hospital, fejn miet wara erbatax-il ġurnata;

Illi s-serviġi in kwistjoni jikkonsistu fil-ħasil tal-ħwejjeġ u fil-ħsieb għall-ikel ta' l-imsemmi Felice........... Kwalunkwe spiża meħtieġa rriżulta li kien iħallasha huwa, sija għall-ikel, għall-ikel extra, għal mediċinali, u sija għal traġitti......;

Illi rriżulta wkoll li meta ġie rakkomandat it-trasferiment ta' l-imsemmi Felice fl-Isptar fuq imsemmi, dana sejjaħ f'kamartu lill-attriċi, lill-ommha, lill-konvenuta Caterina Calleja oħtu, u lil Francesco Ellul ir-raġel ta' oħtu Carmela, u fil-preżenza tagħhom iddetta lil Padre Alessandro Azzopardi, viċi parroku tas-"Sacro Cuore" ta' tas-Sliema, l-iskrittura li tinsab fil-fol. 18 ta' proċess, u li fuqha nizżel il-firma tiegħu. Dina l-iskrittura tikkontjeni x-xewqa tiegħu...........; u fl-aħħar paġina tispiċċa b'dawn il-kliem testwali :— "Fil-każ li jiena niġi nieqes nordna rrid nagħti £60 l-għarusa tiegħi Giusa Cremona (l-attriċi) li tant ħadet paċenzja u kura tiegħi. Fil-każ li jiena..........";

Illi l-perit issottometta li ġuridikament l-attriċi ma għandha ebda dritt għal kumpens għall-imsemmijin serviġi, għarraġuni illi l-intenzjoni ta' l-imsemmi Giuseppe Felice, fil-mod u fil-waqt li ġiet espressa, ma tiswiex biex tissostitwixxi ftehim preventiv ta' kumpens biex twaqqa' l-preżunzjoni tal-gratwità tas-serviġi reżi mill-attriċi minħabba r-relazzjoni tal-għarusija bejnha u bejn l-imsemmi Felice, u tirrendi kwindi ġudizzjarjament ripetibili kumpens għall-istess serviġi;

Illi għalkemm huwa veru illi fl-imsemmija skrittura ma jistax ikun hemm prova ta' ftehim li l-attriċi kellha titħallas għas-serviġi li kienet qiegħda tirrendi lill-imsemmi Giuseppe Felice, u in forza ta' l-istess skrittura l-attriċi ma tistax tirreklama l-imsemmijin £60, għar-raġuni li wieħed ma jistax jiddisponi minn ħwejġu ħlief b'testment għaż-żmien li fih ma jkunx baqa' jgħix, u l-liġi ma tammettix ħlief id-donazzjonijiet bejn il-ħajjin, il-Qorti iżda ma tistax taqbel mal-perit illi l-attriċi ma għandhiex tiġi kumpensata għas-serviġi fuq imsemmijin li rrendiet lill-imsemmi Giuseppe Felice, avvolja dana kien l-għarus tagħha meta hija rrendietlu dawk is-serviġi;

Illi, infatti, il-Qrati Tagħna dejjem irritenew illi kull ser-

vizz jiġi magħmul presumibilment bl-isperanza ta' kumpens, iżda f'każijiet ta' rapporti stretti ta' demm, jew ta' ħbiberija kbira, jew ta' intimità ta' affezzjoni, għandu jiġi ritenut li s-serviġi ġew prestati bi spirtu ta' affezzjoni u b'intenzjoni diżinteressata meta ma jikkaġunawx telf materjali, imma biss inkommodu jew sagrifiċċju personali, għalkemm gravi jista' jkun dan l-inkommodu jew dan is-sagrifiċċju. Hekk irritenjet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza mogħtija fil-kawża "Alfonso M. Micallef vs. Lady Dingli" fid-29 ta' Jannar 1894 (Kollez. Vol. XIV), u din il-Qorti fis-sentenzi mogħtija fil-kawżi "Wyatt utrinque u oħrajn" u "Grech Ellul vs. Ellul", rispettivament fit-18 ta' Ottubru 1898 u fl-24 ta' Marzu 1911 (Kollez. Vol. XVI—II—316, u Vol. XXI—II—285);

Illi però, ukoll il-Qrati Tagħna għallmu illi l-imsemmija preżunzjoni tal-gratuwità, anki fl-imsemmija każijiet ta' qraba u ħbiberija, għandha tiġi eskluża skond iċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, desunti miż-żmien li fih ikunu ġew reżi s-serviġi, il-kwalità u n-natura tal-marda, u d-dannu li isofri min ikun għamel is-serviġi, il-fatt li ma kienx hemm ħadd ieħor min jippresta dawk is-serviġi, il-fatt li min odihom ried iaħdem biex igħix, l-isperanza ta' min irrendihom li jiġi retribwit b'laxxitu testamentarju, l-isperanza ta' xi vantaġġ li ma jiverifikax ruħu f'min ikun irrenda s-serviġi, il-vantaġġ u r-risparmi li s-serviġi ikunu kkaġunaw lil min ikunu ġew prestati, u minn kull ċirkustanza oħra adegwata biex issostni l-prinċipju illi l-prestazzjoni gratuwita ma għandhiex tiġi preżunta (Kollez. XXIV—II—256; VI—378; XVIII—III—103; App. Civili 19. 6. 38 "Mifsud vs. Fiorini"; u Kollez. XXIII—II—255);

Illi f'dan il-każ l-attriċi ċertament ma kellhiex ħsieb titħallas bil-flus għas-serviġi li kienet tirrendi lill-imsemmi Felice għarus tagħha u lanqas jista' jingħad li hija ma kinitx inniecata sabiex tkun tista' tirrendilu dawk is-serviġi, għaliex jirriżulta li ħalliet l-impjieg fuq talba tiegħu wiso qabel ma marad u minħabba l-oħrussija; u lanqas jista' jingħad li daret bih għaliex riedet, billi ħasset li għandha tagħmel hekk għaliex kien l-għarus tagħha. Iżda hija appuntu din il-konsiderazzjoni li tagħti lill-attriċi d-dritt li tiġi kumpensata għas-serviġi li rrendiet. Hija rrendiet dawk is-serviġi bl-isperanza ta' van-

tagħ, dak li tiżżewweġ lill-imsemmi Felice; ħema vantaġġ ma vverifikax ruħu għal fatt li mhux *imputabili lill-attriċi, u għal*-ħekk il-fatt illi hija pprestat l-imsemmijin servigi lill-imsemmi Felice in vista tal-probabilità li tiżżewġu ma għandux jostakolalha d-dritt li tirreklama r-retribuzzjoni li altrimenti kienet tkun lilha dovuta. F'dan is-sens ippronunzjat ruħha din il-Qorti fil-kawża "Felice vs. Vella" (Kollez. VII—430) f'każ analogu. L-attriċi, barra mill-ħlas ta' somma għall-inġurja li sofriet mill-konvenut billi kien irrifjuta li jżomm il-wegħda taż-żwieġ, kienet talbet ukoll rimunerazzjoni għall-kuri u għas-servigi li *hija* kienet ipprestat *f'daru* in vista *ta' l-isperanza li* kellha li tiżżewweġ; u din il-Qorti għallmet "che sebbene l'attrice abbia probabilmente prestato i suoi servigi al convenuto in vista della probabilità di unirsi con lui in matrimonio, questa considerazione non può essere a lei di ostacolo perchè, mancato il progetto da lei concepito per fatto alla medesima non imputabile, ella possa reclamare quella retribuzione che altrimenti le sarebbe dovuta". Jista' jiżdied li f'dan il-każ is-servigi li pprestat l-attriċi kkaġunaw risparmi u vantaġġ lill-imsemmi Felice; u din hija raġuni oħra l-għaliex ma għandhiex tiġi faċilment akkolta l-prestazzjoni gratuwita ta' dawk is-servigi;

Tikkunsidra:

Illi għar-rigward tal-kumpens għall-ħasil tal-ħwejjeġ u għall-ħsieb ta' l-ikel........... Għall-kuri u qadjiet ta' l-aħħar tliet xhur ......... Considerando n-natura tal-marda tiegħu min-naħa waħda u l-kondizzjoni ta' l-attriċi u ta' l-imsemmi Felice mill-oħra, il-Qorti tistabbilixxi, a diskrezzjoni, fis-somma ta' żewġ xelini kuljum...........;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attriċi; tillikwida fis-somma ta' £58. 8. 0 il-kumpens dovut għall-kuri u għas-servigi minnha prestati lill-imsemmi Giuseppe Felice, imsemmija fiċ-ċitazzjoni; u tikkundanna lill-konvenuta nomine tħallas lilha s-somma ta' £58. 8. 0, flimkien ma' l-imgħaxijiet legali mill-jum ta' din is-sentenza, u flimkien ma' l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża.